**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-6 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Numru : 33/2020 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**JS**

**Vs**

**U b'digriet tat-30 ta' Gunju 2020 gew nominati Dr Raisa Colombo u PL Peter Sammut bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti FT. U B'digriet tas-26 ta' Novembru 2020 Dr Raisa Colombo giet sostitwita b'Dr Mark A. Mifsud Cutajar.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' JS datat 7 ta' Frar 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fid-29 ta' Gunju 2000 (vide kopja ta' certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok. A.) u minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal.*

*Illi dan iz-zwieg qatt ma gie konsumat u l-partijiet infirdu minn xulxin fid-29 ta'*

*Gunju 2000, jigifieri mid-data taz-zwieg taghhom u qatt ma ghexu flimkien.*

*Illi l-attur kellu vizzju tad-droga u kien taht l-influenza tal-istess meta zzewweg.*

*Illi peress li kien fi stat vulnerabbli, kiem hemm min abbuza minnu, u offrielu flus biex jizzewweg il-mara tieghu.*

*Illi illum l-attur ilu ma jabbuza mid-droga ghal kwazi tmien snin.*

*Illi l-attur mid-data taz-zwieg, qatt ma ra, tkellem jew iltaqa' mal-mara tieghu u lanqas jaf fejn hi.*

*Illi din il-koppja ghandhom hajja totalment separati u distinti minn xulxin.*

*Illi b'hekk huma sodisfatti r-rekwiziti kollha tal-artikolu 66B et sequitur tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-esponenti xtaq jipprevalixxi ruhu mid-drittijiet lilu moghtija sabiex jitlob il-hall taz-zwieg bejnu u bejn martu.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Il-hall taz-zwieg bejnu u bejn martu FT.*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien li tistabilixxi din l-istess Qorti, javza lid-Direttur Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-Kuratur Dr Mark A. Mifsud Cutajar, debitament notifikat, ma ppresenta ebda risposta izda deher ghas-seduta mhejjija nhar is-27 ta' Ottubru 2021 u nforma lill-Qorti illi fil-passat kien assista lill-attur bhala Legal Aid, u ghaldaqstant talab lill-kontro-parti tezentah. L-attur kif assistit, ma sab ebda oggezzjoni rigward dan; (vide fol 70)

Rat in-Nota tal-Kuratur datata 25 ta' Frar 2022, li biha ppresenta il-korrispondenza tieghu mal-

Konsulent tal- Marokk f'Malta (vide fol 74 et seqq.);

Rat in-Nota tal-attur datata 28 ta' April 2022, a fol 78, li permezz taghha huwa osserva r-rekwiziti tal-Artikolu 66G(1) tal-Kap 16. tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dikjarazzjoni ta' Dr Mark Mifsud Cutajar datata 30 ta' Mejju 2022, fejn sostna illi ma kellhux aktar provi xi jressaq u irrimetta ruhu ghal-atti (vide fol 83);

Rat illi l-attur kif assistit nhar it-30 ta' Mejju 2022 irrimetta ruhu ghal-atti ukoll (vide fol 83);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur JS xehed permezz ta' affidavit *(vide affidavit a fol 20)*** illi huwa zzewweg lill-intimata nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Gunju tas-sena elfejn (2000). Jispjega illi dan iz-zwieg qatt ma gie kkunsmat u li l-partijiet qatt ma ghexu hajja konjugali. Filfatt l-attur sostna illi huwa ilu mifrud minn ma' martu sa mid-data taz-zwieg u cioe, propju mid-29 ta' Gunju 2000. Iddikjara illi huwa kellu il-vizzju tad-droga u kien hemm minn abbuza mill-vulnerabilita' tieghu, tant li kien gie offrut il-flus sabiex jizzewweg lill-intimata li legalment ghadha martu. L-attur jishaq illi l-intimata qatt ma pruvat taghmel kuntatt mieghu u da parti tieghu huwa m'ghandu l-ebda informazzjoni fuq l-intimata jew fejn l-istess intimata qieghda tirrisjedi. Xehed illi llum il-gurnata qieghed jaghmel l-almu tieghu sabiex jghix hajja tajba, 'l boghod mill-problemi u li dan iz-zwieg finta kien qieghed ixekklu milli jaghmel dan.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

*(2) Id-divorzju jew ħall taż-żwieġ jingħata bis-saħħa ta' sentenza tal-qorti ċivili kompetenti fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, jew b'digriet tal-istess qorti fejn il-miżżewġin ikunu qablu illi ż-żwieġ tagħhom għandu jiġi maħlul.*

*(3) It-talbiet kollha għad-divorzju, għandhom jinġiebu quddiem is-sezzjoni xierqa tal-qorti ċivili kif jiġi stabbilit b'regolamenti magħmulin mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 37 japplikaw mutatis mutandis. Id-digrieti u s-sentenzi tad-divorzju jingħataw fil-qorti fil-miftuħ.*

*(4) Il-qorti għandha, fid-digriet jew sentenza ta' divorzju tindika b'mod ċar in-numru progressiv tar-reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ, u n-numru ta' identifikazzjoni tal-partijiet, u, tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku*

*66B.* Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu,id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju,il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjoduta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju,il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta',jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti;u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn*

***hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti tosserva illi c-cirkostanzi li fih gie kontrattat dan iz-zwieg huma kemm xejn partikolari, stante li jidher li l-vulnerabbilita' tal-attur giet sfruttata bl-ghan li l-intimata tipprova tikseb cittadinanza Maltija. Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-29 ta' Gunju 2000 fir-Registru Pubbliku ta' Malta u z-zwieg taghhom huwa rregistrat fir-Registru Pubbliku bin-numru ta' iskrizzjoni 1071/2000 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg *a fol 4.* Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal. Il-Qorti tosserva illi l-ebda provi ma gew prodotti mill-konvenuta peress illi il-kuraturi deputati ma rrnexxilhomx jintraccawha u b'hekk kien impossibbli ghalihom li jikkomunikaw maghha u jressqu l- provi.

Mix-xhieda mhux kontradetta tal-attur jirrizulta illi minkejja li gie kontrattat zwieg bejn il-partijiet, qatt ma kien hemm hajja konjugali bejniethom. Kif xehed l-attur *ex admissis,* huwa kien taht l-effett tad-drogi fil-mument li gie celebrat iz-zwieg bejn il-partijiet. Ulterjorment, mix-xhiedha mhux kontradetta tal-attur jirrizulta li apparti l-fatt li l-partijiet qatt ma ghexu ta' mizzewgin kif diga sottolineat iktar qabel, l-ahhar darba li l-attur ra lill-intimata kien propju dakinhar taz-zwieg u cioe f'Dicembru 2000. Illi llum il-gurnata l-attur qieghed jaghmel l-almu kollu tieghu sabiex jibqa' fuq it-triq it-tajba.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi dan iz-zwieg kien biss messa in xena bl-ghan li l-intimata tipprova tikseb cittadinanza Maltija permess

maz-zwieg taghha mal-attur li dak iz-zmien kien lest li jiehu l-flus li gew offruti lilu, b'dana illi qatt ma kien hemm hajja konjugali bejn il-partijiet. Il-Qorti rat ukoll illi m'hemm l-ebda pretensjonijiet fir-rigward ta' mateniment.

Ghaldaqstant, din il-Qorti hija moralment konvinta li jezistu r-rekwiziti necessarji sabiex ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap 16 sjigi ordnat il-hall taz-zwieg tal-kontendenti.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' t-talba tal-attur u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1071/2000 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

2. **Tawtorizza lill-attur illi tirregistra s-sentenza ta' din l-Qorti fir-Registru Pubbliku ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi.**

**Il-Qorti tordna li spejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**